

Brussell, 25 ta' Ġunju 2022  
(OR. fr, en)

10677/22

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0201(COD)**

---

---

**CLIMA 320  
ENV 667  
AGRI 289  
FORETS 53  
ONU 91  
CODEC 1010**

**NOTA**

---

minn: il-Presidenza

lil: Kunsill

---

Nru. dok. preċ.: 10330/1/22 REV 1

Nru dok. Cion: 10857/21 - COM (2021) 554 final

---

Suġġett: Pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %"

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-konformità, l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030 u l-impenn għall-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika sal-2035 fis-settur tal-użu tal-art, tal-forestrija u tal-agrikoltura, u r-Regolament (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami

– Approċċ ġenerali

---

## I. INTRODUZZJONI

1. Fl-14 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, fil-qafas tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", proposta għal regolament li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-konformità, l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030 u l-impenn għall-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika sal-2035 fis-settur tal-użu tal-art, tal-forestrija u tal-agrikoltura, u (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami<sup>1</sup>.
2. L-objettiv ewlieni tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li jissaħħaħ il-kontribut tas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija ("LULUCF") għall-ambizzjoni klimatika ġenerali msaħħa tal-UE għall-2030 billi tiġi stabbilita mira tal-UE ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għal CO<sub>2</sub> tal-assorbimenti netti ta' gassijiet serra mil-LULUCF sal-2030, imqassma fost l-Istati Membri fil-forma ta' miri nazzjonali vinkolanti.
3. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) huwa l-kumitat bir-responsabbiltà ewlenija. Is-Sur Ville Niinistö (Ħodor/AHE, FI) inħatar rapporteur. Norbert Lins (PPE, DE) inħatar rapporteur għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (AGRI), li għandu l-istatus ta' kumitat assoċjat b'kompetenza kondiviża għal ċerti dispożizzjonijiet. Il-Kumitat ENVI adotta r-rapport tiegħu dwar il-proposta fis-16 ta' Mejju 2022. Il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar il-proposta fit-8 ta' Ġunju 2022.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fit-8 ta' Diċembru 2021. Il-Kumitat tar-Regġuni ta l-opinjoni tiegħu waqt is-sessjoni tiegħu tas-27-29 ta' April 2022.

---

<sup>1</sup> Dok. 10857/21 + ADD 1-4.

5. Il-Kunsill Ambjent kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-ħames proposti tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu, inkluż il-proposta għas-settur tal-LULUCF, matul il-laqgħat tiegħu tal-20 ta' Diċembru 2021<sup>2</sup> u s-17 ta' Marzu 2022<sup>3</sup>.
6. Fit-13 ta' Mejju 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Coreper) iddiskuta l-proposta abbażi ta' nota mill-Presidenza<sup>4</sup> sabiex jipprovdi gwida għal aktar ħidma.
7. Fil-livell ta' grupp ta' ħidma, il-Presidenza Franċiża kompliet l-eżami tagħha tal-proposta fi tmien laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent. Matul l-aktar laqgħa reċenti tat-3 ta' Ġunju 2022, il-Grupp ta' Ħidma eżamina t-tielet test ta' kompromess rivedut tal-Presidenza<sup>5</sup>.
8. Il-Coreper eżamina t-test ta' kompromess tal-Presidenza f'żewġ okkażjonijiet, jiġifieri fil-15 ta' Ġunju 2022, imbagħad eżamina proposta ta' kompromess ġdida b'aġġustamenti limitati fit-22 ta' Ġunju 2022<sup>6</sup>, bil-ħsieb li jħejji d-diskussjoni tal-Kunsill Ambjent dwar dan il-fajl fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Ġunju 2022.
9. L-aħħar test ta' kompromess tal-Presidenza, li jikkorrispondi għall-verżjoni tat-test eżaminat mill-Coreper fit-22 ta' Ġunju 2022, jinsab fl-Anness għal din in-nota.

---

<sup>2</sup> Dok. 14585/21.

<sup>3</sup> Dok. 6668/2/22 REV 2.

<sup>4</sup> Dok. 8733/22.

<sup>5</sup> Dok. 7985/3/22 REV 3.

<sup>6</sup> Dokumenti 9906/22 u 10330/1/22 REV 1.

## II. ELEMENTI PRINĊIPALI TAT-TEST TA' KOMPROMESS TAL-PRESIDENZA

10. Meta mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni, it-test ta' kompromess tal-Presidenza jipproponi li ma tinbidilx il-mira ġenerali tal-Unjoni ta' 310 Mt ekwivalenti ta' CO2 ta' assorbimenti netti fis-settur tal-LULUCF fl-2030, li rċeviet appoġġ wiesa' mid-delegazzjonijiet. Fir-rigward tal-miri nazzjonali, it-test ta' kompromess iżomm ukoll id-distribuzzjoni tal-miri kif propost mill-Kummissjoni. Sabiex jittieħed kont tat-tfassib ta' diversi delegazzjonijiet dwar il-varjabbiltà interannwali inerenti tas-settur tal-LULUCF u l-prevedibbiltà tal-objettivi, il-Presidenza madankollu ttipponi bidliet importanti fir-rigward tal-proċess ta' konformità, biex tgħin lill-Istati Membri jiksbu l-miri rispettivi tagħhom filwaqt li jżommu l-livell ta' ambizzjoni tagħhom. Is-suġġetti ewlenin tal-proposta ta' kompromess jikkonċernaw il-punti li ġejjin:

a) Preżentazzjoni tal-objettivi u t-trajettorja lineari (l-Artikolu 4, il-premessi 5 u 6), il-korrezzjoni teknika (l-Artikoli 4 u 14, il-premessi 13bis u 13 ter)

- It-test ta' kompromess jipproponi baġit ta' ħames snin għall-emissjonijiet jew l-assorbimenti netti matul il-perjodu 2026-2030, li jissostitwixxi l-miri annwali vinkolanti għas-snin 2026 sa 2029, filwaqt li jżomm l-obbligu li jintlaħqu l-miri nazzjonali għas-sena 2030. Il-Presidenza tqis li l-kisba tal-mira tal-2030 bħala punt tal-wasla fi tmiem il-perjodu 2026-2030 fil-livell ta' kull Stat Membru hija essenzjali sabiex jiġi żgurat li l-mira ta' -310 Mt, li hija s-somma tal-miri nazzjonali għall-2030, tintlaħaq kollettivament. Qed jiġi propost ukoll li l-miri nazzjonali jiġu espressi f'termini relattivi sabiex jiżdiedu l-prevedibbiltà u t-trasparenza tagħhom, filwaqt li titneħħa l-ħtieġa għal korrezzjoni teknika biex jiġu kkontrollati l-miri tal-Istati Membri.

- Il-Presidenza żżomm l-istabbiliment tat-trajettorja tal-2026-2030 abbażi tad-data għall-2021, l-2022 u l-2023, kif propost mill-Kummissjoni, billi hija tal-fehma li din il-proposta tirrappreżenta l-bilanċ bejn il-prevedibbiltà u l-użu tal-aktar data reċenti.

b) Governanza tal-objettivi (l-Artikolu 13<sup>quater</sup>)

Il-mekkaniżmu ta' governanza tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 13<sup>quater</sup>, kif propost mill-Kummissjoni, ġie kkritikat minn ħafna delegazzjonijiet. Wara diskussjonijiet dwar għażliet differenti, il-Presidenza żammet fil-proposta ta' kompromess tagħha t-tħassir tal-Artikolu 13<sup>quater</sup> għall-perjodu 2026-2030, mingħajr ma introduċiet mill-ġdid l-Artikolu 9 tar-Regolament ESR, filwaqt li nnotat li din l-għażla żżomm in-natura legalment vinkolanti tal-miri tal-LULUCF.

(c) Flessibiltajiet ġenerali (l-Artikolu 12(3))

It-test ta' kompromess tal-Presidenza jżomm l-abolizzjoni tal-possibbiltà li l-krediti tal-LULUCF jitqiegħdu f'riżerva bejn iż-żewġ perjodi ta' konformità (2021-2025 u 2026-2030), kif propost mill-Kummissjoni. Il-Presidenza tqis li t-tħassir ta' din id-dispożizzjoni hija garanzija essenzjali għall-integrità ambjentali, minħabba l-ħtieġa li tiġi evitata akkumulazzjoni ta' krediti tal-LULUCF fi tmiem it-tieni perjodu, li timmina l-kisba tal-objettiv ta' -310 Mt.

(d) Mekkaniżmu ta' flessibbiltà addizzjonali marbut mal-impatti klimatiċi u l-proporzjon ta' ħamrija organika (l-Artikolu 13<sup>ter</sup> (6), premessa 12<sup>bis</sup>)

Bi tweġiba għat-tħassib ta' diversi delegazzjonijiet dwar id-diffikultà li jinkisbu l-objettivi tagħhom minħabba fenomeni inkontrollabbli, il-Presidenza tipproponi li tinħoloq flessibbiltà addizzjonali marbuta mal-impatti klimatiċi u l-ħamrija organika abbażi ta' kriterji u indikaturi oġġettivi u li jistgħu jitkejlu. Barra minn hekk, sabiex ikollhom aċċess għal din il-flessibbiltà, l-Istati Membri kkonċernati jridu jipprovdu evidenza lill-Kummissjoni bl-użu ta' metodoloġija defnita sew.

- (e) Kondizzjonijiet relatati mal-użu tal-mekkaniżmu ta' flessibilità fl-użu tal-art (l-Artikolu 13ter, l-Anness VII)
- Żieda fis-sehem tas-surplus tal-assorbimenti netti fil-perjodu 2021-2025 li l-Kummissjoni tista' tqis meta tivvaluta jekk l-Unjoni laħqitx il-mira tagħha għall-2030 minn 20 għal 40 %;
  - L-iskattar awtomatiku tal-flessibilità abbażi ta' kriterji ċari definiti minn qabel;
  - It-tneħħija tar-restrizzjoni prevista fl-Artikolu 13ter (4) biex tippermetti biss it-tpaċija ta' bjar ikkontabilizzati għall-emissjonijiet mal-mira tal-Istat Membru;
  - It-tħassir tal-kondizzjonijiet relatati mal-eżawriment minn qabel tal-flessibilitajiet previsti fl-Artikolu 12(2) u l-Artikolu 7(1) tal-ESR għall-użu tal-Artikolu 13ter.

Il-Presidenza tipproponi wkoll li żżomm id-distribuzzjoni f'żewġ parti ugwali tal-ammont massimu tal-mekkaniżmu ta' flessibilità previst fl-Anness VII sabiex jiġi żgurat li tintlaħaq il-mira -310 tal-Unjoni.

- (f) Konsiderazzjoni ta' disturbi naturali (l-Artikolu 10, l-Artikolu 13ter, premessa 9)  
Qed jiġi propost li jiġi introdott mill-ġdid l-Artikolu 10 (li tħassar fil-proposta tal-Kummissjoni) għall-perjodu 2026-2030. Madankollu, jekk jintuża dan l-Artikolu minn Stat Membru, ma jkunx possibbli għal dan l-Istat Membru li jirrikorri għall-kumpens għal disturbi naturali previst fl-Artikolu 13ter (5).

(e) Qafas ta' wara l-2030 (l-Artikolu 17, premessa 9bis)

Maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet qiesu li l-introduzzjoni tal-oġġettivi ta' wara l-2030 u l-ħolqien tal-pilastru AFOLU kienu prematuri fil-qafas ta' din ir-reviżjoni tar-Regolament. Il-Presidenza għalhekk tipproponi li dawn il-kwistjonijiet jiġu inklużi fir-reviżjoni prevista fl-Artikolu 17. Fil-valutazzjoni tagħha tal-fattibbiltà tal-oġġettivi li tinkiseb b'mod kollettiv in-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2035 fis-settur AFOLU, jeħtieġ li l-Kummissjoni tqis ukoll l-effetti tal-istruttura tal-età tal-foresti, inkluż l-effetti relatati mal-okkupazzjoni tal-art u maċ-ċirkostanzi tal-gwerra u ta' wara l-gwerra.

(f) Monitoraġġ u rappurtar (Anness III)

B'kont meħud tal-kritika espressa minn ħafna delegazzjonijiet, il-proposta ta' kompromess tal-Presidenza tipprevedi flessibbiltà fir-rigward tar-rekwiżiti ta' monitoraġġ u rappurtar, b'mod partikolari billi tagħmel l-adozzjoni tal-metodoloġija tal-Livell 3 fakultattiva mill-2026 'il quddiem, kif ukoll il-lista ta' żoni li għandhom jiġu mmonitorjati.

(g) Bijoenerġija bil-Qbid u l-Ħżin tal-Karbonju (BECCS) (premissa 10bis)

Minħabba l-importanza li jiġu żviluppati soluzzjonijiet sostenibbli għall-assorbiment tal-karbonju biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050, il-Presidenza tipproponi li tirreferi għal din il-kwistjoni fi premessa ġdida, li ssemmi r-rwol ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi bħall-bijoenerġija bil-qbid u l-ħżin tal-karbonju.

### **III. SITWAZZJONI ATTWALI**

11. Matul id-diskussjoni fil-Coreper tat-22 ta' Ġunju 2022, maġġoranza kbira ta' delegazzjonijiet esprimew l-appoġġ tagħhom għall-aħħar test ta' kompromess tal-Presidenza. Xi delegazzjonijiet qajmu riżervi dwar punti speċifiċi fit-test.
12. Abbażi tad-diskussjonijiet li saru s'issa, il-Presidenza tqis li l-aħħar test ta' kompromess tagħha jirrifletti bilanċ bejn il-pożizzjonijiet differenti tad-delegazzjonijiet. Il-Presidenza tqis li dan il-pakkett ta' kompromess jagħmilha possibbli li tiġi rrikonċiljata biżżejjed flessibbiltà biex l-Istati Membri jiġu megħjuna jiksbu l-oġġettivi tagħhom sal-2030 maż-żamma tal-integrità ambjentali tar-Regolament.

### **IV. KONKLUŻJONI**

13. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill Ambjent huwa mistieden japprova t-test li jinsab fl-Anness għal din in-nota bil-ħsieb ta' qbil dwar Approċċ Ġenerali, li ser jikkostitwixxi l-bażi għal negozjati fil-futur mal-Parlament Ewropew dwar il-proposta tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-konformità u l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030, u (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>7</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni<sup>8</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

---

<sup>7</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>8</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

- (1) Il-Ftehim ta' Pariġi, adottat f'Diċembru 2015 skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), daħal fis-seħħ f'Novembru 2016 ("il-Ftehim ta' Pariġi"). Il-Partijiet fih qablu li jżommu ż-żieda fit-temperatura medja globali sew taħt 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jagħmlu sforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura sa 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali.
- (2) L-indirizzar tal-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent u l-ilħuq tal-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi huma fil-qalba tal-Komunikazzjoni dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", adottata mill-Kummissjoni fil-11 ta' Diċembru 2019<sup>9</sup>. Il-ħtieġa u l-valur tal-Patt Ekoloġiku Ewropew kibru biss fid-dawl tal-effetti severi ħafna tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-saħħa u l-benesseri ekonomiku taċ-ċittadini tal-Unjoni.
- (3) L-Unjoni impenjat ruħha li sal-2030 tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-ekonomija kollha tal-Unjoni b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 fl-impenn aġġornat ta' tnaqqis iddeterminat fil-livell nazzjonali mressaq lis-Segretarjat tal-UNFCCC fis-17 ta' Diċembru 2020<sup>10</sup>.

---

<sup>9</sup> COM/2019/640 final.

<sup>10</sup> [https://www4.unfccc.int/sites/ndcstaging/PublishedDocuments/European%20Union%20First/EU\\_NDC\\_Submission\\_December%202020.pdf](https://www4.unfccc.int/sites/ndcstaging/PublishedDocuments/European%20Union%20First/EU_NDC_Submission_December%202020.pdf)

- (4) Fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>11</sup>, l-Unjoni naqqxet il-mira tan-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha sal-2050 fil-leġiżlazzjoni. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll impenn vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. Is-setturi kollha tal-ekonomija huma mistennija jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' dik il-mira, inkluż is-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija. Il-kontribut tal-assorbimenti netti għall-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 huwa limitat għal 225 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO<sub>2</sub>. Fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2021/1119, il-Kummissjoni affermat mill-ġdid f'dikjarazzjoni korrispondenti l-intenzjoni tagħha li tipproponi reviżjoni tar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>12</sup>, f'konformità mal-ambizzjoni li sal-2030, l-assorbimenti netti tal-karbonju jiżdiedu għal livelli ogħla minn 300 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO<sub>2</sub> fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija.
- (5) Sabiex jikkontribwixxu għaż-żieda fl-ambizzjoni li jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra minn b'mill-inqas 40 % għal b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri vinkolanti għaż-żieda fl-assorbimenti netti ta' gassijiet serra għal kull Stat Membru fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija fil-perjodu mill-2026 sal-2030, li jirriżultaw f'mira ta' assorbimenti netti ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO<sub>2</sub> għall-Unjoni kollha kemm hi fl-2030. Il-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti l-miri nazzjonali għall-2030 jenħtieġ li tqis id-distakk bejn il-mira tal-Unjoni u l-emissjonijiet u l-assorbimenti medji ta' gassijiet serra mis-snin 2016, 2017 u 2018, irrapportati minn kull Stat Membru fis-sottomissjoni tiegħu tal-2020, u tirrifletti l-prestazzjoni tal-mitigazzjoni attwali tas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija, u s-sehem ta' kull Stat Membru miż-żona tal-art ġestita fl-Unjoni, filwaqt li tqis il-kapaċità ta' dak l-Istat Membru li jtejjeb il-prestazzjoni tiegħu fis-settur permezz ta' prattiki tal-ġestjoni tal-art jew bidliet fl-użu tal-art li jkun ta' benefiċċju għall-klima u l-bijodiversità.

---

<sup>11</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

<sup>12</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

- (6) Il-miri vinkolanti għall-ambizzjoni miżjuda fl-emissjonijiet u l-assorbimenti netti ta' gassijiet serra jenħtieġ li jiġu ddeterminati għal kull Stat Membru permezz ta' trajettorja lineari. It-trajettorja jenħtieġ li tibda fl-2022, fuq il-medja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rrapportati minn dak l-Istat Membru matul l-2021, l-2022 u l-2023 u tintemm fl-2030 fuq il-mira stabbilita għal dak l-Istat Membru. Sabiex tiġi żgurata l-kisba kollettiva tal-mira tal-Unjoni għall-2030 filwaqt li titqies il-varjabbiltà interannwali tal-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra fis-settur tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija, huwa xieraq li għal kull Stat Membru jiġi stabbilit impenn li jikseb somma tal-assorbimenti netti tal-gassijiet serra għall-perjodu mill-2026 sal-2030 ("il-baġit 2026-2030") b'żieda mal-mira nazzjonali għas-sena 2030.
- (7) Il-Komunikazzjoni tas-17 ta' Settembru 2020 dwar It-tiżni tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030<sup>13</sup> iddeskriviet għażla li l-emissjonijiet agrikoli ta' gassijiet serra mhux tas-CO<sub>2</sub> jingħaqdu flimkien mal-assorbimenti netti tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija, u b'hekk jinħoloq settur tal-art regolat ġdid. Din il-kombinazzjoni tista' tippromwovi sinerġiji bejn l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni bbażata fuq l-art u tippermetti tfassil ta' politika u implimentazzjoni ta' politika aktar integrati fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jissaħħa l-obbligu għall-Istati Membri li jressqu pjanijiet ta' mitigazzjoni integrati għas-settur tal-art.

---

<sup>13</sup> COM(2020) 562 final.

- (8) Is-settur tal-art, li jgħaqqad flimkien is-settur tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija u s-settur agrikolu mhux tas-CO<sub>2</sub>, għandu l-potenzjal li jsir rapidament newtrali għall-klima sal-2035 b'mod kosteffettiv, u li sussegwentement jiġġenera aktar assorbimenti milli emissjonijiet ta' gassijiet serra. Impenn kollettiv bil-għan li tinkiseb in-newtralità klimatika fis-settur tal-art fl-2035 fil-livell tal-UE jista' jipprovdi ċ-ċertezza tal-ippjanar meħtieġa biex tiġi xprunata l-azzjoni ta' mitigazzjoni bbażata fuq l-art f'qasir żmien, meta wieħed iqis li din l-azzjoni tista' tiegħu ħafna snin biex iġġib l-eżiti ta' mitigazzjoni mixtieqa. Barra minn hekk, is-settur tal-art huwa previst li jsir l-akbar settur fil-profil tal-fluss ta' gassijiet serra tal-UE fl-2050. Għalhekk, huwa partikolarment importanti li dak is-settur jiġi ankrat ma' trajettorja li tista' iġġib b'mod effettiv emissjonijiet ta' gassijiet serra zero netti sal-2050. Għalhekk jenħtieġ li, mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-ewwel rendikont globali maqbul skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jinkludi evalwazzjoni tal-ħtieġa u tal-fattibbiltà tal-inklużjoni tal-emissjonijiet agrikoli ta' gassijiet serra li mhumiex CO<sub>2</sub> fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/841, kif ukoll evalwazzjoni tal-ħtieġa għal u l-fattibbiltà tal-mira lejn l-oġjettiv li tinkiseb in-newtralità klimatika fl-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra fis-settur tal-art fl-Unjoni kollha sal-2035, u, abbażi ta' din l-evalwazzjoni, rakkomandazzjonijiet għall-miżuri meħtieġa mill-Unjoni u mill-Istati Membri biex jippermettu l-kisba kollettiva ta' dik il-mira għall-2035.

- (9) Ir-regoli kontabilistiċi stabbiliti fl-Artikoli 6, 7, 8 u 8 tar-Regolament (UE) 2018/841 tfasslu biex jiddeterminaw sa liema punt il-prestazzjoni tal-mitigazzjoni fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija tista' tikkontribwixxi għall-mira tal-UE għall-2030 ta' tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'40 %, li ma kinitx tinkludi s-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija. Sabiex jiġi ssimplifikat il-qafas regolatorju għal dak is-settur, ir-regoli kontabilistiċi attwali jenħtieġ li ma japplikawx wara l-2025, u l-konformità mal-miri nazzjonali tal-Istati Membri jenħtieġ li tiġi vverifikata abbażi tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta' gassijiet serra rrapportati. Dan jiżgura konsistenza metodoloġika mad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>14</sup>, ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>15</sup>, u d-determinazzjoni tal-mira l-għdida għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 %, li tinkludi wkoll is-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jkunu jistgħu jagħmlu użu minn possibbiltà limitata li jeskludu l-emissjonijiet li jirriżultaw minn disturbi naturali mill-kontinġent tagħhom tal-LULUCF matul il-perjodu 2026-2030.

---

<sup>14</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32) kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jizjeddu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 3).

<sup>15</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

- (9a) L-istruttura tal-età tal-foresti tqieset fir-Regolament (UE) 2018/841 fil-qafas tal-kalkolu tal-livelli ta' referenza għall-foresti. Sabiex jiġi ssimplifikat il-qafas regolatorju, huwa xieraq li jitwaqqaf l-użu tal-livelli ta' referenza għall-foresti għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità fil-perjodu mill-2026 sal-2030. Filwaqt li ċerti flessibbiltajiet previsti f'dan ir-Regolament ser jindirizzaw il-kwistjoni tal-istruttura tal-età tal-foresti, din tibqa' kwistjoni ta' tħassib peress li f'xi ċirkostanzi l-impatti tagħha jistgħu jiżdiedu maż-żmien. Għalhekk, fil-kuntest tar-rapport ippreżentat fil-qafas tar-reviżjoni tar-Regolament (UE) 2018/841, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħti attenzjoni speċifika lill-effetti tal-istruttura tal-età tal-foresti, inkluż fejn dawk l-effetti jkunu marbuta ma' ċirkostanzi speċifiċi ta' gwerra jew ta' wara l-gwerra. Ir-rapport jista' jiffoka fuq modi differenti biex jitqiesu dawk l-effetti fir-Regolament (UE) 2018/841 b'mod sempliċi, xjentifikament robust, affidabbli u trasparenti.
- (10) Sabiex itejbu l-assorbimenti ta' gassijiet serra, il-bdiewa individwali jew dawk li jiġġestixxu l-foresti jeħtieġu inċentiv dirett biex jaħżnu aktar karbonju fuq l-art tagħhom u fil-foresti tagħhom. Fil-perjodu sal-2030, jeħtieġ li jintużaw dejjem aktar mudelli kummerċjali ġodda bbażati fuq inċentivi ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u fuq iċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju. Dawn l-inċentivi u l-mudelli kummerċjali se jtejbu l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fil-bioekonomija, inkluż permezz tal-użu ta' prodotti durabbli tal-injam maħsud, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ekoloġiċi li jrawmu l-bijodiversità u l-ekonomija ċirkolari. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu introdotti kategoriji ġodda ta' prodotti għall-ħżin tal-karbonju minbarra l-prodotti tal-injam maħsud. Il-mudelli kummerċjali emerġenti, il-biedja u l-prattiki tal-ġestjoni tal-art għat-titjib tal-assorbimenti jikkontribwixxu għal żvilupp territorjali bbilanċjat u tkabbir ekonomiku fiż-żoni rurali. Dawn joħolqu wkoll opportunitajiet għal impjiegi ġodda u jipprovdu inċentivi għal taħriġ, taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet rilevanti.

- (10a) Sabiex tintlaħaq il-mira tan-newtralità klimatika sal-2050 u biex ikun hemm l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem, huwa ta' importanza assoluta li jiġi żgurat b'mod konsistenti li l-assorbimenti tal-gassijiet serra fl-Unjoni jiżdedu kontinwament filwaqt li tinżamm il-permanenza. X'aktarx li se jkunu meħtieġa soluzzjonijiet tekniċi bħall-bijoenerġija bil-qbid u l-ħżin tal-karbonju (BECCS) biex jiżdedu l-assorbimenti tal-karbonju u jinkisbu emissjonijiet negattivi fl-Unjoni kollha tul perjodu itwal. Madankollu, kwalunkwe għażla politika futura biex l-assorbimenti tal-karbonju permezz ta' soluzzjonijiet tekniċi bħall-BECCS jiġu inklużi fil-qafas tar-rapportar u tal-kontabbiltà skont dan ir-Regolament tkun teħtieġ, bħala prekondizzjoni meħtieġa, definizzjoni soda u affidabbli tal-assorbimenti tal-karbonju li tipprovdi garanziji f'termini ta' integrità ambjentali. Għalhekk, wara l-istabbiliment ta' tali qafas regolatorju permezz ta' att leġiżlattiv dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju, se jkun xieraq li tali inklużjoni tiġi eżaminata sabiex jiġi kkomplementat il-qafas għall-prodotti tal-ħżin tal-karbonju u jiġu pprovduti l-inċentivi fuq perjodu twil meħtieġa għall-qbid u l-ħżin tal-emissjonijiet bijoġeniċi tas-CO<sub>2</sub> minn impjanti tal-enerġija u industrijali bbażati fuq il-bijomassa.
- (11) Meta wieħed iqis l-ispeċifitàjiet tas-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija f'kull Stat Membru, kif ukoll il-fatt li l-Istati Membri jridu jżidu l-prestazzjoni tagħhom biex jilħqu l-miri vinkolanti nazzjonali tagħhom, jenħtieġ li tibqa' għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri firxa ta' flessibbiltajiet, inkluż l-iskambjar tas-surpluses u l-estensjoni ta' flessibbiltajiet speċifiċi għall-foresti, filwaqt li tiġi rrispettata l-integrità ambjentali tal-miri.

(12) Dispożizzjonijiet alternattivi għal disturbi naturali (abijotiċi u bijotiċi) bħal nirien, pesti, maltempati, avvenimenti ta' għargħar estrem u perjodi twal ta' nixfa, sabiex jiġu indirizzati l-inċertezz minħabba proċessi naturali jew bħala riżultat tat-tibdil fil-klima fl-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u s-settur tal-forestrija, jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-Istati Membri fl-2032, dment li ma jkunux applikaw l-Artikolu 10(1a) ta' dan ir-Regolament, ikunu eżawrew il-flessibbiltajiet l-oħra kollha għad-dispożizzjoni tagħhom, jistabbilixxu miżuri xierqa biex inaqqsu l-vulnerabbiltà tal-art tagħhom għal tali disturbi u li titlesta l-kisba mill-Unjoni tal-mira tal-2030 għall-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u s-settur tal-forestrija.

(12a) Jenħtieġ li jinħoloq mekkaniżmu ta' flessibbiltà addizzjonali biex jitqiesu l-effetti diffużi u fit-tul tat-tibdil fil-klima, għall-kuntrarju tad-disturbi naturali li huma, essenzjalment, aktar temporanji u ġeografikament lokalizzati. Jenħtieġ li din il-flessibbiltà tippermetti wkoll li jitqiesu l-effetti ta' legat ta' miżuri ta' ġestjoni tal-passat marbuta ma' proporzjon ta' ħamrija organika fuq art ġestita li hija eċċezzjonalment għolja meta mqabbla mal-medja tal-Unjoni fi ftit Stati Membri. Jenħtieġ li din il-flessibbiltà tiġi mill-ammonti mhux użati tal-Anness VII matul il-perjodu 2021-2030. Jenħtieġ li l-aċċess għal din il-flessibbiltà jkun ibbażat fuq is-sottomissjoni ta' evidenza lill-Kummissjoni mill-Istati Membri kkonċernati abbażi tal-aħjar għarfien xjentifiku disponibbli u ta' indikaturi oġġettivi, komparabbli u li jistgħu jitkejlu bħall-indiċi tal-aridità, fis-sens tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, definit bħala l-proporzjon bejn il-preċipitazzjoni annwali medja u l-evapotraspirazzjoni annwali medja. Jenħtieġ li l-allokazzjoni tal-flessibbiltà fost l-Istati Membri ssir, fid-dawl tal-evidenza ppreżentata, abbażi tal-proporzjon bejn l-ammont ta' 50 MtCO<sub>2</sub>e disponibbli għall-flessibbiltà u l-ammont totali mitlub minn dawk l-Istati Membri.

(13) *imħassar*

(13a) Għall-Istati Membri li jtejbu l-metodoloġija tagħhom għall-kalkolu tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti, jenħtieġ li jiġi introdott kunċett ta' korrezzjoni teknika. Jenħtieġ li tizzied korrezzjoni teknika mad-data tal-inventarju tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' dak l-Istat Membru sabiex tinnewtralizza l-effett tal-bidliet fil-metodoloġija fuq il-valutazzjoni tal-kisba kollettiva tal-mira tal-Unjoni għall-2030, sabiex tiġi rrispettata l-integrità ambjentali.

- (13b) L-inventarji tal-gassijiet serra se jitjiebu b'aktar użu ta' teknoloġija ta' monitoraġġ u għarfien aħjar. Pereżempju, il-kwistjonijiet li ġejjin jistgħu jattivaw korrezzjoni teknika: mudelli aġġornati, bidliet f'metodoloġiji ta' rapportar, data ġdida jew korrezzjonijiet ta' żbalji; inklużjoni ta' raggruppamenti tal-karbonju jew gassijiet ġodda; kalkolu mill-ġdid ta' data storika bħal pereżempju aġġornamenti jew tlestijiet perjodiċi ta' inventarji tal-foresti; sostituzzjoni ta' suppożizzjonijiet b'data reali, pereżempju meta tiġi kkunsidrata l-varjabbiltà tal-klima; inklużjoni ta' elementi ġodda bħal pereżempju prodotti tal-ħżin tal-karbonju u disturbi naturali (pereżempju l-livelli u l-marġni ta' sfond rispettivi).
- (14) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/841 li jikkonċernaw l-istabbiliment tal-emissjonijiet u l-assorbimenti annwali ta' gassijiet serra abbażi ta' trajettorja lineari għal kull sena fil-perjodu mill-2026 sal-2030 għall-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>16</sup>.
- (15) Fid-dawl tal-istabbiliment tal-miri tal-assorbimenti netti ta' gassijiet serra għall-Istati Membri għall-perjodu mill-2026 sal-2030, il-Kummissjoni jenħtieġ li teżerċita rieżami komprensiv biex tivverifika d-data tal-inventarju tal-gassijiet serra għas-snin 2021, 2022 u 2023. Għal dan il-fini, jenħtieġ li jsir rieżami komprensiv fl-2025, minbarra r-rieżamijiet komprensivi li l-Kummissjoni għandha twettaq fl-2027 u fl-2032 f'konformità mal-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2018/1999.
- (15a) Il-valuri għal kull Stat Membru għall-kopertura tal-qċaçet tas-siġar fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/841 jenħtieġ li jiġu allinjati mal-valuri rrapportati lill-UNFCCC jew mal-aġġornamenti prevedibbli ta' dawk il-valuri.

---

<sup>16</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (16) Minħabba l-bidla fil-miri bbażati fuq ir-rapportar, l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra jridu jiġu stmati b'livell oġhla ta' akkuratezza. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030<sup>17</sup>, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent<sup>18</sup>, l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti<sup>19</sup>, id-Direttiva riveduta (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>20</sup> u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima<sup>21</sup> kollha se jirrikjedu monitoraġġ imtejjeb tal-art, u b'hekk titħares u tittejjeb ir-reżiljenza tal-assorbimenti tal-karbonju bbażati fuq in-natura madwar l-Unjoni. Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti jeħtieġ li jittejjbu, fejn applikabbli, bl-użu ta' teknoloġiji avvanzati disponibbli taħt il-programmi tal-Unjoni, bħal Copernicus, u ta' data diġitali miġbura taħt il-Politika Agrikola Komuni, u bl-applikazzjoni tat-tranżizzjoni doppja tal-innovazzjoni ekoloġika u diġitali.
- (17) Il-bidliet antropoġeniċi mistennija fl-użu tal-ambjent tal-baħar u tal-ilma ħelu permezz ta', pereżempju, l-espansjoni ppjanata tal-enerġija offshore, iż-żieda potenzjali fil-produzzjoni tal-akkwakultura u l-livelli dejjem jiżdiedu ta' protezzjoni tan-natura biex jintlaħqu l-miri tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità se jinfluwenzaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u s-sekwestru tagħhom. Bħalissa dawn l-emissjonijiet u l-assorbimenti ma humiex inklużi fit-tabelli ta' rapportar standard fil-UNFCCC. Sussegwentement għall-adozzjoni tal-metodoloġija ta' rapportar, il-Kummissjoni se tqis ir-rapportar dwar il-progress, il-fattibbiltà tal-analiżi u l-impatt tal-estensjoni tar-rapportar għall-ambjent tal-baħar u tal-ilma ħelu abbażi tal-aħħar evidenza xjentifika ta' dawn il-flussi meta twettaq ir-rieżami f'konformità mal-Artikolu 17(2) ta' dan ir-Regolament.

---

<sup>17</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 - Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjita (COM(2020) 380 final).

<sup>18</sup> COM/2020/381 final.

<sup>19</sup> *imħassar*

<sup>20</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

<sup>21</sup> COM/2021/82 final.

- (17a) Billi li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari biex jiġu aġġustati, fid-dawl tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, l-impenji tal-Istati Membri għas-settur tal-LULUCF li jikkontribwixxu sabiex jinkisbu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u biex tintlaħaq il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Unjoni għall-perjodu mill-2021 sal-2030, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tiegħu, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.
- (18) Għalhekk, ir-Regolamenti (UE) 2018/841 u (UE) 2018/1999 jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2018/841 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar:

- (a) l-impenji tal-Istati Membri għas-settur tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija li jikkontribwixxu biex jinkisbu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u tintlaħaq il-mira tal-Unjoni għat-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-perjodu mill-2021 sal-2025;
- (b) il-kontabbiltà tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta' gassijiet serra mis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija u għall-kontroll tal-konformità tal-Istati Membri mal-impenji msemmija fil-punt (a) għall-perjodu mill-2021 sal-2025;

- (c) mira għall-2030 tal-Unjoni għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija;
  - (d) il-miri għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija għall-Istati Membri għall-perjodu mill-2026 sal-2030."
- (2) l-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament japplika għall-emissjonijiet u għall-assorbimenti ta' gassijiet serra elenkati fit-Taqsima A tal-Anness I, irrapportati skont l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>22</sup> u li jseħħu fit-territorji tal-Istati Membri fil-perjodu mill-2021 sal-2025 fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art li ġejjin:
- (a) użu tal-art irrapportat bħala raba', bur, artijiet mistagħdra, insedjamenti jew art oħra, ikkonvertiti f'art forestali ("art afforestata");
  - (b) użu tal-art irrapportat bħala art forestali kkonvertita f'raba', bur, artijiet mistagħdra, insedjamenti jew art oħra ("art deforestata");
  - (c) użu tal-art irrapportat bħala wieħed minn dawn li ġejjin ("raba' ġestit"):
    - (i) raba' li jibqa' raba';
    - (ii) bur, art mistagħdra, insedjament jew art oħra, ikkonvertiti f'raba';
    - (iii) raba' konvertit f'art mistagħdra, insedjament jew art oħra;

---

<sup>22</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

- (d) użu tal-art irrapportat bħala wieħed minn dawn li ġejjin ("bur ġestit"):
  - (i) bur li jibqa' bur;
  - (ii) raba', art mistagħdra, insedjament jew art oħra, ikkonvertiti f'bur;
  - (iii) bur ikkonvertit f'art mistagħdra, insedjament jew art oħra;
- (e) użu tal-art irrapportat bħala art forestali li tibqa' art forestali ("art forestali ġestita");
- (f) meta Stat Membru jkun innotifika lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu li jinkludi dan l-użu tal-art fil-kamp ta' applikazzjoni tal-impenji tiegħu skont l-Artikolu 4(1) sal-31 ta' Diċembru 2020, użu tal-art irrapportat bħala wieħed minn dawn li ġejjin ("art mistagħdra ġestita"):
  - art mistagħdra li tibqa' art mistagħdra;
  - insedjament jew art oħra, ikkonvertiti f'art mistagħdra;
  - art mistagħdra kkonvertita f'insedjament jew art oħra.

2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għall-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra elenkati fit-Taqsima A tal-Anness I, irrapportati skont l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2018/1999 u li jseħħu fit-territorji tal-Istati Membri fil-perjodu mill-2026 sal-2030, fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' rapportar tal-art u/jew kwalunkwe wieħed mis-setturi li ġejjin:

- (a) art forestali;
- (b) raba';
- (c) bur;
- (d) artijiet mistagħdra;
- (e) insedjamenti;
- (f) art oħra;
- (g) prodotti tal-injam maħsud;

- (h) oħrajn;
- (i) depożizzjoni atmosferika;
- (j) lixxivjazzjoni u skular tan-nitroġenu. "

(2a) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (9) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(9) "disturbi naturali" tfisser kwalunkwe avveniment mhux antropoġeniku jew ċirkostanza mhux antropoġenika li jikkawża/tikkawża emissjonijiet sinifikanti fis-settur tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija u li l-Istat Membru rilevanti ma jkollu l-ebda kontroll fuq l-okkorrenza tiegħu/tagħha, u li l-effett tiegħu/tagħha l-Istat Membru, b'mod oġġettiv ma jkunx jista' jillimita b'mod sinifikanti, anke wara li dawn iseħħu, fuq l-emissjonijiet;"

(b) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(11) "Tibdil fil-klima" tfisser tibdil fil-klima attribwit direttament jew indirettament għall-attività tal-bniedem li jibdel il-kompożizzjoni tal-atmosfera globali u li huwa oltre varjabbiltà naturali tal-klima osservata f'perjodi ta' żmien komparabbli."

(3) l-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

#### *"Artikolu 4*

#### **Impenji u miri**

1. Għall-perjodu mill-2021 sal-2025, filwaqt li jqis il-flessibbiltajiet previsti fl-Artikoli 12, 13 u 13a, u l-applikazzjoni tal-Artikolu 10(1), kull Stat Membru għandu jiżgura li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ma jaqbżux l-assorbimenti ta' gassijiet serra, ikkalkulati bħala s-somma tal-emissjonijiet totali u tal-assorbimenti totali fit-territorju tiegħu fil-kategoriji kollha ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2(1).

2. Il-mira tal-Unjoni għall-2030 għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra hija ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO<sub>2</sub> bħala somma tal-valuri tal-emissjonijiet u l-assorbimenti netti ta' gassijiet serra mill-Istati Membri fl-2030 ippreżentati fil-Kolonna D tal-Anness IIa, u għandha tkun ibbażata fuq il-medja tad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra tagħha għas-snin 2016, 2017 u 2018.

Kull Stat Membru għandu jiżgura, filwaqt li jqis il-flessibbiltajiet previsti fl-Artikoli 12, 13 u 13b, u l-applikazzjoni tal-Artikolu 10(1a), li s-somma annwali tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti tiegħu ta' gassijiet serra fit-territorju tiegħu u fil-kategoriji kollha ta' rapportar tal-art imsemmija fl-Artikolu 2(2), punti (a) sa (j), kif imqabbla mal-medja tad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra tagħha għas-snin 2016, 2017 u 2018 kif imressqa fl-2032, ma taqbiżx, għas-sena 2030, il-mira stabbilita għal dak l-Istat Membru fil-Kolonna C tal-Anness IIa.

Barra minn hekk, kull Stat Membru għandu jiżgura, filwaqt li jqis il-flessibbiltajiet previsti fl-Artikoli 12 u 13b, u l-applikazzjoni tal-Artikolu 10 (1a), li s-somma tad-differenzi għal kull sena fil-perjodu mill-2026 sal-2030 bejn, minn naħa, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u t-tneħħija fit-territorju tiegħu u fil-kategoriji kollha tar-rapportar tal-art imsemmija fl-Artikolu 2(2), punti (a) sa (j), u fuq in-naħa l-oħra, il-valur medju għad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra tiegħu għas-snin 2021, 2022 u 2023, kif ippreżentat fl-2032, ma taqbiżx baġit 2026-2030 definit bħala t-total tad-differenzi għal kull sena fil-perjodu mill-2026 sal-2030 għal dak l-Istat Membru bejn, minn naħa, il-valuri limitu annwali tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra, stabbiliti abbażi ta' trajettorja lineari lejn l-2030, u min-naħa l-oħra, il-valur medju għad-data tal-inventarju tiegħu tal-gassijiet serra għas-snin 2021, 2022 u 2023, kif ippreżentat fl-2025. It-trajettorja lineari ta' Stat Membru għandha tibda fl-2022 bil-valur medju għad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra għas-snin 2021, 2022 u 2023, u jkollha bħala l-punt tat-tmiem tagħha għall-2030 il-valur miksub billi jiżdied il-valur stabbilit għal dak l-Istat Membru fil-Kolonna C tal-Anness IIa mal-valur medju għad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra għas-snin 2016, 2017 u 2018. Il-baġit 2026-2030 għandu jiġi definit abbażi tad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra mressqa fl-2025 u l-konformità ma' dan il-baġit għandha tiġi vvalutata abbażi tad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra mressqa fl-2032.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-valuri annwali bbażati fuq it-trajettorja lineari għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra għal kull Stat Membru, għal kull sena fil-perjodu mill-2026 sal-2029, f'termini ta' tunnelli ta' ekwivalenti għas-CO<sub>2</sub>. Dawn it-trajettorji nazzjonali għandhom ikunu bbażati fuq il-medja tad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra għas-snin 2021, 2022 u 2023, irrapportata minn kull Stat Membru.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16a. Għall-fini ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha twestaq rieżami komprensiv tal-aktar data tal-inventarju nazzjonali reċenti għas-snin 2021, 2022 u 2023 imressaq mill-Istati Membri skont l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2018/1999.

(4) fl-Artikolu 6, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

- "1. L-Istati Membri għandhom jikkontabilizzaw l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw minn art afforestata u art deforestata kkalkolati bħala l-emissjonijiet totali u l-assorbimenti totali għal kull sena fil-perjodu mill-2021 sal-2025.
2. B'deroga mill-Artikolu 5(3), u mhux aktar tard mill-2025, meta l-użu tal-art ikun ġie kkonvertit minn raba', bur, art mistagħdra, insedjamenti jew art oħra f'art forestali, Stat Membru jista', 30 sena wara d-data ta' dik il-konverżjoni, jibdel il-kategorizzazzjoni ta' din l-art minn art ikkonvertita f'art forestali għal art forestali li tibqa' art forestali, meta din il-bidla tkun debitament iġġustifikata abbażi tal-Linji Gwida tal-IPCC.";

(5) fl-Artikolu 7, il-paragrafi 1, 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

- "1. Kull Stat Membru għandu jikkontabilizza l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw minn raba' ġestit ikkalkolati bħala emissjonijiet u assorbimenti fil-perjodu mill-2021 sal-2025 bit-tnaqqis tal-valur miksub bil-multiplikazzjoni b'ħamsa tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti medji annwali tal-Istat Membru li jirriżultaw minn raba' ġestit fil-perjodu bażi tiegħu mill-2005 sal-2009.
2. Kull Stat Membru għandu jikkontabilizza l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw minn bur ġestit ikkalkolati bħala emissjonijiet u assorbimenti fil-perjodu mill-2021 sal-2025 bit-tnaqqis tal-valur miksub bil-multiplikazzjoni b'ħamsa tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti medji annwali tal-Istat Membru li jirriżultaw minn bur ġestit fil-perjodu bażi tiegħu mill-2005 sal-2009.
3. Matul il-perjodu mill-2021 sal-2025, kull Stat Membru li jinkludi art mistagħdra ġestita fil-kamp ta' applikazzjoni tal-impenji tiegħu għandu jikkontabilizza l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw minn art mistagħdra ġestita, ikkalkolati bħala emissjonijiet u assorbimenti f'dak il-perjodu bit-tnaqqis tal-valur miksub bil-multiplikazzjoni b'ħamsa tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti medji annwali tal-Istat Membru li jirriżultaw minn art mistagħdra ġestita fil-perjodu bażi tiegħu mill-2005 sal-2009.";

(6) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- "1. Kull Stat Membru għandu jikkontabilizza l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw minn art forestali ġestita, ikkalkolati bħala emissjonijiet u assorbimenti fil-perjodu mill-2021 sal-2025 bit-tnaqqis tal-valur miksub bil-multiplikazzjoni b'ħamsa tal-livell ta' referenza għall-foresti tal-Istat Membru kkonċernat.";

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni il-pjanijiet nazzjonali tagħhom tal-kontabbiltà għall-forestrija, inkluż livell ta' referenza għall-foresti propost, sal-31 ta' Diċembru 2018 għall-perjodu mill-2021 sal-2025.";

(c) il-paragrafi 7, 8, 9 u 10 huma sostitwiti b'dan li ġej:

- "7. Meta jkun meħtieġ abbażi tal-valutazzjonijiet tekniċi u, meta jkun applikabbli, tar-rakkomandazzjonijiet tekniċi, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw il-livelli ta' referenza għall-foresti proposti u riveduti lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2019 għall-perjodu mill-2021 sal-2025. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-livelli ta' referenza għall-foresti proposti li jkunu ġew ikkomunikati lilha mill-Istati Membri.
8. Abbażi tal-livelli ta' referenza għall-foresti proposti li jkunu tressqu mill-Istati Membri, tal-valutazzjoni teknika mwettqa skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, u meta jkun applikabbli, tal-livell ta' referenza għall-foresti propost u rivedut imressaq skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 li jemendaw l-Anness IV bil-għan li jiġu stabbiliti l-livelli ta' referenza għall-foresti li għandhom jiġu applikati mill-Istati Membri għall-perjodu mill-2021 sal-2025.
9. Jekk Stat Membru ma jressaqx il-livell ta' referenza għall-foresti tiegħu lill-Kummissjoni sad-dati speċifikati fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u, meta jkun applikabbli, fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 li jemendaw l-Anness IV bil-għan li tistabbilixxi l-livell ta' referenza għall-foresti li għandu jiġi applikat minn dak l-Istat Membru għall-perjodu mill-2021 sal-2025, abbażi ta' kwalunkwe valutazzjoni teknika mwettqa skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.
10. L-atti delegati msemmija fil-paragrafi 8 u 9 għandhom jiġu adottati sal-31 ta' Ottubru 2020 għall-perjodu mill-2021 sal-2025.";

(7) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"Prodotti għall-ħżin tal-karbonju";**

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 sabiex jiġi emendat il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Anness V billi jiżdiedu kategoriji ġodda ta' prodotti għall-ħżin tal-karbonju, inkluż prodotti tal-injam maħsud, li jkollhom effett ta' sekwestru tal-karbonju, abbażi tal-Linji Gwida tal-IPCC kif adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, u li tiżgura l-integrità ambjentali.";

(8) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fi tmiem il-perjodu mill-2021 sal-2025, l-Istati Membri jistgħu jeskludu mill-kontijiet tagħhom għall-art afforestata u l-art forestali ġestita, emissjonijiet ta' gassijiet serra li jirriżultaw minn disturbi naturali, li fi kwalunkwe sena partikolari mill-2021 sal-2025 jaqbżu l-emissjonijiet medji kkawżati minn disturbi naturali fil-perjodu mill-2001 sal-2020, għajr l-outliers statistiċi ("livell tal-isfond"). Dak il-livell tal-isfond għandu jiġi kkalkolat f'konformità ma' dan l-Artikolu u mal-Anness VI.";

(aa) Jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Fi tmiem il-perjodu mill-2026 sal-2030, l-Istati Membri jistgħu jeskludu mill-kontijiet tagħhom l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, li jirriżultaw minn disturbi naturali fil-kategoriji ta' rapportar tal-art imsemmija fl-Artikolu 2(2), punti (a) sa (j), li fi kwalunkwe sena partikolari mill-2026 sal-2030 jaqbżu l-emissjonijiet medji kkawżati minn disturbi naturali fil-perjodu mill-2001 sal-2020, għajr l-outliers statistiċi ("livell tal-isfond"). Dak il-livell tal-isfond għandu jiġi kkalkolat f'konformità ma' dan l-Artikolu u mal-Anness VI."

(b) il-paragrafu 2, punt (b), huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fil-perjodu mill-2021 sal-2025, jeskludi mill-kontabbiltà sal-2030 l-assorbimenti sussegwenti kollha fuq l-art affettwata minn disturbi naturali;"

(c) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. Meta Stat Membru japplika l-paragrafu 1a, huwa għandu:

- (a) jippreżenta lill-Kummissjoni informazzjoni dwar il-livell tal-isfond għall-kategoriji ta' rapportar tal-art u dwar id-data u l-metodoloġiji użati skont l-Anness VI; u
- (b) fil-perjodu mill-2026 sal-2030, jeskludi mill-kontabbiltà sal-2030 l-assorbimenti sussegwenti kollha fuq l-art affettwata minn disturbi naturali;"

(9) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"Flessibbiltajiet u governanza";**

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

(c) "1. Stat Membru jista' juża:

(a) il-flessibbiltajiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 12; u

sabiex jikkonforma mal-impenn fl-Artikolu 4, il-flessibbiltajiet stipulati fl-Artikoli 13 u 13b.

Il-Finlandja tista', minbarra l-flessibbiltajiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu, tuża kumpensi addizzjonali skont l-Artikolu 13a.

L-ammonti ta' kumpens użati skont il-mekkaniżmi ta' flessibbiltà msemmija f'dan il-paragrafu għall-fini ta' konformità mal-mira għall-2030 stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2) għandhom jitqiesu, fi kwantità ekwivalenti, għat-tnaqqis ta' kwalunkwe defiċit fir-rigward tal-baġit 2026-2030 stabbilit fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(2), sal-punt li dan id-defiċit jitnaqqas għal zero. Dawn l-ammonti ma għandhomx jitqiesu bħala surplus addizzjonali fir-rigward tal-baġit 2026-2030 stabbilit fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(2) jekk dan il-baġit ikun diġà ntlaħaq."

(10) L-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(-a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

1. Meta, fil-perjodu mill-2021 sal-2025, l-emissjonijiet totali jaqbżu l-assorbimenti totali fi Stat Membru, jew, fil-perjodu mill-2026 sal-2030, id-differenza bejn is-somma tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra fit-territorju ta' Stat Membru u l-miri stabbiliti għal dak l-Istat Membru fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament tkun pożittiva, u dak l-Istat Membru jkun għażel li juża l-flessibbiltà tiegħu, u jkun talab li jħassar l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2018/842, il-kwantità ta' allokazzjonijiet tal-emissjonijiet imħassra għandha titqies fir-rigward tal-konformità tal-Istat Membru mal-impenn tiegħu skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.
  2. Sa fejn, fil-perjodu mill-2021 sal-2025, l-assorbimenti totali jaqbżu l-emissjonijiet totali fi Stat Membru, jew, fil-perjodu mill-2026 sal-2030, id-differenza bejn is-somma tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra fit-territorju ta' Stat Membru u l-miri stabbiliti għal dak l-Istat Membru fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament tkun negattiva, u wara t-tnaqqis ta' kwalunkwe kwantità meqjusa skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/842, dak l-Istat Membru jista' jittrasferixxi l-kwantità ta' assorbimenti li jifdal lil Stat Membru ieħor. Il-kwantità trasferita għandha titqies fil-valutazzjoni tal-konformità tal-Istat Membru riċevanti mal-impenn tiegħu skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.
- (a) jitħassar il-paragrafu 3.
- (b) jiżdiedu l-paragrafi 5 u 6 li ġejjin:
- "5. L-Istati Membri jistgħu jużaw id-dħul iġġenerat mit-trasferimenti skont il-paragrafu 2 biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima fl-Unjoni jew f'pajjiżi terzi u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe azzjoni bħal din meħuda.

6. Kwalunkwe trasferiment skont il-paragrafu 2 jista' jirriżulta minn proġett jew programm ta' mitigazzjoni tal-gassijiet serra mwettaq fl-Istat Membru li jkun qed ibiegħ u rimunerat mill-Istat Membru riċeventi, dment li jiġi evitat l-għadd doppju u tiġi żgurata t-traċċabbiltà.";

(11) l-Artikolu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

### Artikolu 13

#### **Flessibbiltà tal-art forestali ġestita**

- "1. Meta, fil-perjodu mill-2021 sal-2025, l-emissjonijiet totali jaqbzū l-assorbimenti totali fil-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2(1), [ikkontabbilizzati f'konformità ma' dan ir-Regolament,] fi Stat Membru, dak l-Istat Membru jista' juża l-flessibbiltà tal-art forestali ġestita stabbilita f'dan l-Artikolu sabiex ikun konformi mal-Artikolu 4(1).
2. Meta, fil-perjodu mill-2021 sal-2025, ir-riżultat tal-kalkolu msemmi fl-Artikolu 8(1) ikun ċifra pożittiva, l-Istat Membru kkonċernat għandu jkun intitolat li jikkumpensa l-emissjonijiet li jkunu rriżultaw mill-kalkolu dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) l-Istat Membru jkun inkluda fl-istrateġija tiegħu mressqa f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2018/1999, miżuri speċifiċi kontinwi jew ippjanati biex jiżgura l-konservazzjoni jew it-titjib, kif xieraq, ta' bjar u riżervi tal-foresti; u
- (b) l-emissjonijiet totali fl-Unjoni ma jaqbzūx l-assorbimenti totali fil-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament għall-perjodu mill-2021 sal-2025.

Meta jiġi vvalutat jekk, fi ħdan l-Unjoni, l-emissjonijiet totali jaqbzūx l-assorbimenti totali msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li jiġi evitat l-għadd doppju mill-Istati Membri, b'mod partikolari fl-eżerċizzju tal-flessibbiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament u fl-Artikoli 7(1) jew 9(2) tar-Regolament (UE) 2018/842.

3. Il-kumpens imsemmi fil-paragrafu 2 jista' jkopri biss bjar ikkontabbilizzati bħala emissjonijiet kontra l-livell ta' referenza għall-foresti ta' dak l-Istat Membru u, għall-perjodu mill-2021 sal-2025, ma jistax jaqbeż il-50 % tal-ammont massimu ta' kumpens għall-Istat Membru kkonċernat stabbilit fl-Anness VII.
  4. L-Istati Membri għandhom iressqu evidenza quddiem il-Kummissjoni dwar l-impatt tad-disturbi naturali kkalkolati skont l-Anness VI sabiex ikunu eliġibbli għall-kumpens tal-bjar li jkun għad fadal, ikkontabbilizzati bħala emissjonijiet kontra l-livell ta' referenza għall-foresti tagħhom, sal-ammont sħiħ tal-kumpens għall-perjodu mill-2021 sal-2025 mhux użat mill-Istati Membri l-oħrajn stipulat fl-Anness VII . F'każ li d-domanda għall-kumpens taqbeż l-ammont tal-kumpens mhux użat disponibbli, il-kumpens għandu jitqassam fuq bażi prorata fost l-Istati Membri kkonċernati.";
- (12) jiddaħħal l-Artikolu 13a li ġej:

#### "Artikolu 13a

#### **Kumpensi addizzjonali**

1. Il-Finlandja tista' tikkumpensa emissjonijiet ikkontabbilizzati ta' mhux aktar minn 5 miljun tunnellata addizzjonali ta' ekwivalenti għas-CO<sub>2</sub> taħt il-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art "art forestali ġestita", "art deforestata", "raba' ġestit" u "bur ġestit", fil-perjodu mill-2021 sal-2025, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) il-Finlandja tkun inkludiet fl-istrateġija tagħha mressqa f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2018/1999, miżuri speċifiċi kontinwi jew ippjanati biex tiżgura l-konservazzjoni jew it-titjib, kif xieraq, ta' bjar u riżervi tal-foresti;
  - (b) l-emissjonijiet totali fl-Unjoni ma jaqbżux l-assorbimenti totali fil-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament fil-perjodu mill-2021 sal-2025.

Meta jiġi vvalutat jekk, fi ħdan l-Unjoni, l-emissjonijiet totali jaqbżux l-assorbimenti totali msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li jiġi evitat l-għadd doppju mill-Istati Membri, b'mod partikolari fl-eżerċizzju tal-flessibbiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 12 u 13 ta' dan ir-Regolament u fl-Artikoli 7(1) jew 9(2) tar-Regolament (UE) 2018/842.

2. Il-kumpensi addizzjonali huma limitati għal:

(a) l-ammont li jaqbeż il-flessibbiltà tal-art forestali ġestita disponibbli għall-Finlandja fil-perjodu mill-2021 sal-2025 skont l-Artikolu 13;

(b) l-emissjonijiet maħluqa permezz ta' bidla storika minn art forestali għal kwalunkwe kategorija oħra ta' użu tal-art li tkun seħħet mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017;

(c) il-konformità mal-Artikolu 4.

3. Il-kumpensi addizzjonali ma jistgħux ikunu soġġetti għal trasferiment skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament jew l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/842.

4. Kwalunkwe kumpens addizzjonali mhux użat mill-ammont ta' 5 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO<sub>2</sub> imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkanċellat.

5. L-Amministratur Ċentrali għandu jwettaq il-punt (a) tal-paragrafu 2 u l-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu fir-Reġistru tal-Unjoni stabbilit skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2018/1999.";

(13) jiddaħħal l-Artikolu 13b li ġej:

"Artikolu 13b

### **Mekkaniżmu ta' flessibbiltà fl-użu tal-art għall-perjodu mill-2026 sal-2030**

1. Mekkaniżmu ta' flessibbiltà fl-użu tal-art li jikkorrispondi għal kwantità ta' mhux aktar minn 178 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO<sub>2</sub> għandu jiġi stabbilit fir-Reġistru tal-Unjoni stabbilit skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1999, soġġett għall-ilħuq tal-mira tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 4(2). Il-mekkaniżmu ta' flessibbiltà għandu jkun disponibbli flimkien mal-flessibbiltajiet previsti fl-Artikolu 12.

2. Meta, fil-perjodu mill-2026 sal-2030, id-differenza bejn is-somma tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta' gassijiet serra fit-territorju ta' Stat Membru u fil-kategoriji kollha ta' rapportar tal-art imsemmija fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 2(2), u l-miri korrispondenti stabbiliti għal dak l-Istat Membru fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2) jew fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(2), tkun pożittiva, ikkontabilizzata u rrapportata f'konformità ma' dan ir-Regolament, dak l-Istat Membru jista' juża l-flessibilità stabbilita f'dan l-Artikolu sabiex jikkonforma mal-mira tiegħu stabbilita skont l-Artikolu 4(2).
3. Meta, fil-perjodu mill-2026 sal-2030, ir-riżultat tal-kalkolu msemmi fil-paragrafu 2 ikun pożittiv, l-Istat Membru kkonċernat għandu jkun intitolat li jikkumpensa l-emissjonijiet netti jew l-assorbimenti netti kkontabilizzati bħala emissjonijiet kontra l-miri stabbiliti għal dak l-Istat Membru fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2) jew fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(2), dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) l-Istat Membru jkun inkluda fil-pjan nazzjonali integrat aġġornat tiegħu għall-enerġija u l-klima mressaq skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999 miżuri speċifiċi kontinwi jew ippjanati biex jiżgura l-konservazzjoni jew it-titjib, kif xieraq, tal-bjar u r-riżervi kollha tal-art, u biex inaqqas il-vulnerabbiltà tal-art għal disturbi naturali;
  - (b) l-Istat Membru jkun eżawrixxa l-flessibilità disponibbli skont l-Artikolu 12(1) ta' dan ir-Regolament;
  - (c) id-differenza fl-Unjoni bejn is-somma annwali tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti kollha ta' gassijiet serra fit-territorju tagħha u fil-kategoriji kollha ta' rapportar tal-art imsemmija fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 2(2), u l-mira tal-Unjoni ta' assorbimenti netti ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO<sub>2</sub> tkun negattiva, fl-2030.

Meta tivvaluta jekk tkunx issodisfata, fl-Unjoni, il-kundizzjoni kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu, punt (c), il-Kummissjoni għandha tinkludi 40 % tas-surplus għall-impenji tal-Istati Membri skont l-Artikolu 4(1) mill-perjodu mill-2021 sal-2025, dment li Stat Membru wieħed jew aktar jippreżentaw evidenza lill-Kummissjoni dwar l-impatt tad-disturbi naturali f'konformità mal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu. F'dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li jiġi evitat l-għadd doppju mill-Istati Membri, b'mod partikolari fl-eżerċizzju tal-flessibbiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2018/842.

4. L-ammont ta' kumpens imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jista', għall-perjodu mill-2026 sal-2030, ma jaqbiżx 50 % tal-ammont massimu ta' kumpens għall-Istat Membru kkonċernat stabbilit fl-Anness VII.
5. L-Istati Membri li ma applikawx l-Artikolu 10(1a) ta' dan ir-Regolament għandhom iressqu evidenza quddiem il-Kummissjoni dwar l-impatt tad-disturbi naturali kkalkolati skont l-Anness VI, sabiex ikunu eliġibbli għall-kumpens tal-emissjonijiet netti u/jew l-assorbimenti netti kkontabilizzati bħala emissjonijiet kontra l-miri stabbiliti għal dawk l-Istati Membri fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2) jew fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(2), sal-ammont sħiħ tal-kumpens għall-perjodu mill-2026 sal-2030 mhux użat mill-Istati Membri l-oħrajn stipulat fl-Anness VII. F'każ li d-domanda għall-kumpens taqbeż l-ammont tal-kumpens mhux użat disponibbli, il-kumpens għandu jitqassam fuq bażi prorata fost l-Istati Membri kkonċernati.
6. L-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jikkumpensaw l-emissjonijiet netti u/jew l-assorbimenti netti kkontabilizzati bħala emissjonijiet kontra l-miri stabbiliti għal dawk l-Istati Membri fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2) jew fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(2), sal-ammont sħiħ tal-kumpens għall-perjodu mill-2021 sal-2030 mhux użat mill-Istati Membri l-oħrajn stipulat fl-Anness VII, wara li jittieħed kont tal-paragrafu 4 tal-Artikolu 13 u l-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, dment li dawk l-Istati Membri:

- (a) ikunu eżawrew il-flessibbiltajiet disponibbli skont l-Artikolu 12(1) ta' dan ir-Regolament, u l-paragrafi 3 u 5 ta' dan l-Artikolu; u:
- (b) ikunu ppreżentaw evidenza lill-Kummissjoni dwar:
  - (i) l-impatt tat-tibdil fil-klima li jirriżulta f'emissjonijiet eċċessivi jew fi bjar li qed jonqsu li huma lil hinn mill-kontroll tagħhom; jew
  - (ii) l-effetti ta' proporzjon eċċezzjonalment għoli ta' ħamrija organika fiż-żona tal-art ġestita minnhom, meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni, li jirriżulta f'emissjonijiet eċċessivi, dment li dawn l-effetti jistgħu jiġu attribwiti għal prattiki ta' ġestjoni tal-art li seħħew qabel id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE.

L-ammont ta' kumpens imsemmi fl-ewwel subparagrafu ma jistax jaqbeż il-50 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għas-CO<sub>2</sub> għall-Unjoni kollha kemm hi. F'każ li d-domanda għall-kumpens taqbeż l-ammont massimu tal-kumpens disponibbli, il-kumpens għandu jitqassam fuq bażi prorata fost l-Istati Membri kkonċernati.

L-evidenza msemmija fl-ewwel subparagrafu, punt (b)(i), għandha tinkludi valutazzjoni kwantitattiva tal-effetti fuq l-emissjonijiet netti jew l-assorbimenti netti, f'termini ta' miljuni ta' tunnellati ta' ekwivalenti għas-CO<sub>2</sub> għaż-żona affettwata, u għandha tkun ibbażata fuq indiċijiet kwantitattivi kumparabbli u affidabbli, fuq data ġeografikament espliċita u fuq l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli. Għandha tkun ibbażata fuq l-evoluzzjonijiet osservati li jkopru mill-inqas il-perjodu mill-2001 sal-2025, u fuq projezzjonijiet u osservazzjonijiet riveduti xjentifikament għall-perjodu mill-2026 sal-2030. Għandha tirrifletti l-evoluzzjonijiet fl-isfond fuq terminu medju jew twil tal-karatteristiċi klimatiċi rilevanti għas-settur tal-LULUCF, bħall-aridità, it-temperaturi medji, il-preċipitazzjonijiet medji, il-ġranet tal-ġlata, it-tul ta' żmien tan-nixfiet meteoroloġiċi jew tan-nixfiet tal-ħamrija. Dawk l-evoluzzjonijiet għandhom jeskludu avvenimenti ta' natura temporanja li jistgħu jitqiesu bħala disturbi naturali skont l-Artikolu 10.

L-evidenza msemmija fl-ewwel subparagrafu, punt (b) (ii), għandha tinkludi ġustifikazzjoni li l-proporzjon tal-ħamrija organika fuq l-erja tal-art ġestita għall-Istat Membru kkonċernat jaqbeż il-proporzjon medju tal-Unjoni għas-sena 2030. L-evidenza għandha tinkludi analiżi kwantitattiva, f'miljuni ta' tunnelli ta' ekwivalenti għas-CO<sub>2</sub>, tal-emissjonijiet irrapportati minħabba l-effetti ta' legat fuq il-ħamrija organika ġestita abbażi ta' osservazzjonijiet riveduti għall-perjodu 2026-2030, id-data ġeografikament espliċita komparabbli u affidabbli u fuq l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, b'mod partikolari dwar siti simili fl-Istat Membru kkonċernat. Dawk l-emissjonijiet irrapportati li għandhom jiġu kkompensati għandhom jeskludu avvenimenti ta' natura temporanja li jistgħu jitqiesu bħala disturbi naturali skont l-Artikolu 10. L-evidenza għandha tkun akkumpanjata wkoll minn deskrizzjoni tal-miżuri ta' politika implimentati bħalissa li jimminimizzaw l-effetti negattivi tal-effetti ta' legat fuq il-ħamrija organika ġestita."

(14) *imħassar*

(15) l-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a), il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Sal-15 ta' Marzu 2027 għall-perjodu mill-2021 sal-2025 u sal-15 ta' Marzu 2032 għall-perjodu mill-2026 sal-2030, l-Istati Membri għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni rapport tal-konformità li jkun fih il-bilanċ tal-emissjonijiet totali u tal-assorbimenti totali għall-perjodu rilevanti fuq kull kategorija ta' kontabbiltà tal-art speċifikata fil-punti (a) sa (f) tal-Artikolu 2(1) għall-perjodu mill-2021 sal-2025 u fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 2(2) għall-perjodu mill-2026 sal-2030, bl-użu tar-regoli kontabilistiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Ir-rapport tal-konformità għandu jinkludi valutazzjoni ta':

- a) il-politiki u l-miżuri fir-rigward tal-kompromessi;
- b) is-sinerġiji bejn il-mitigazzjoni ta' u l-adattament għat-tibdil fil-klima;
- c) is-sinerġiji bejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-bijodiversità.

Dan ir-rapport għandu jkun fih ukoll, fejn applikabbli, dettalji dwar l-intenzjoni li jintużaw il-flessibbiltajiet imsemmija fl-Artikolu 11 u l-ammonti relatati jew dwar l-użu ta' dawn il-flessibbiltajiet u l-ammonti relatati.

(b) jizziedu l-paragrafi 1a u 1b li ġejjin:

"1a. Id-data tal-inventarju tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mressqa minn kull Stat Membru tista' tkun soġġetta għal korrezzjoni teknika minħabba bidla fil-metodoloġija mill-Istati Membri. Madankollu, daww il-korrezzjonijiet tekniċi ma għandhomx, għall-fini tal-valutazzjoni tal-konformità mal-mira tal-Unjoni għall-2030, jaffettwaw il-valur tal-assorbimenti netti ta' 310 miljun tunnellata ekwivalenti għas-CO<sub>2</sub> bħala somma tal-valuri tal-assorbimenti netti ta' gassijiet serra (f'kt ta' ekwivalenti għas-CO<sub>2</sub>) fl-2030 għall-Istati Membri stabbiliti fil-Kolonna D tal-Anness IIa u lanqas il-valuri fil-kolonna C ta' dak l-Anness.

1b. L-Istati Membri li jindikaw l-intenzjoni tagħhom li jużaw il-flessibbiltà msemmija fl-Artikolu 13b(6) għandhom jiddeskrivu, f'taqsimiet dedikati tar-rapport, il-miżuri meħuda biex jimmitigaw jew iregġġghu lura l-effetti msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 13b(6), kif ukoll l-effetti osservati u mistennija ta' dawn il-miżuri."

(16) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament biex tissupplimenta dan ir-Regolament sabiex tistabbilixxi r-regoli għar-reġistrazzjoni u t-twettiq preċiż tal-operazzjonijiet li ġejjin fir-Reġistru tal-Unjoni stabbilit skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2018/1999:

- (a) il-kwantifikar tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti għal kull kategorija ta' kontabbiltà u ta' rapportar tal-art f'kull Stat Membru;
- (b) l-eżerċizzju tal-korrezzjoni teknika skont l-Artikolu 14(1a) ta' dan ir-Regolament;
- (c) l-eżerċizzju tal-flessibbiltajiet skont l-Artikoli 12, 13, 13a u 13b u
- (d) il-konformità mal-miri skont l-Artikolu 13c.";

(17) jiddaħħal l-Artikolu 16a li ġej:

"Artikolu 16a

**Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit permezz tal-Artikolu 44(3) tar-Regolament (UE) 2018/1999. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>23</sup>.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.";

(18) fl-Artikolu 17, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- "2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-ewwel bilanċ globali maqbul skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, dwar l-operazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż, meta jkun rilevanti, valutazzjoni tal-impatti tal-flessibiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 11, kif ukoll dwar il-kontribut ta' dan ir-Regolament għall-mira globali tal-Unjoni għall-2030 ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-kontribut tagħha għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa ta' politiki u ta' miżuri addizzjonali tal-Unjoni, fid-dawl taż-żieda meħtieġa fit-tnaqqis u fl-assorbimenti ta' gassijiet serra fl-Unjoni.

---

<sup>23</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Ir-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jinkludi valutazzjoni tal-ħtieġa u l-fattibbiltà li dan ir-Regolament jiġi applikat għall-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra elenkati fit-Taqsima A tal-Anness I, irrapportati skont l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2018/1999 u li jseħħu fit-territorji tal-Istati Membri mill-2031 'il quddiem, fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji tal-art elenkati fl-Artikolu 2(2), punti (a) sa (j) u fi kwalunkwe wieħed mis-setturi li ġejjin:

- (a) fermentazzjoni enterika;
- (b) ġestjoni tad-demel;
- (c) kultivazzjoni tar-ross;
- (d) ħamrija agrikola;
- (e) ħruq awtorizzat ta' meddjet kbar ta' savana;
- (f) ħruq fl-għelieqi ta' fdalijiet agrikoli;
- (g) trattament bil-ġir;
- (h) applikazzjoni tal-urea;
- (I) "fertilizzanti oħrajn li fihom il-karbonju";
- (j) "oħrajn".

Ir-rapport għandu jinkludi enfasi b'mod partikolari fuq evalwazzjoni tal-ħtieġa u l-fattibbiltà tal-mira lejn l-objettiv li tinkiseb in-newtralità klimatika fl-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra fl-Unjoni kollha fil-kategoriji tal-art elenkati fl-Artikolu 2(2), punti (a) sa (j) u fis-setturi elenkati fit-tieni subparagrafu sal-2035. L-evalwazzjoni ta' tali fattibbiltà għandha tqis l-effetti tal-istruttura tal-età tal-foresti meta dawn jirriżultaw fi bjar li qed jonqsu jew f'emissjonijiet eċċessivi fit-territorju tal-Istati Membri individwali, inkluż l-effetti marbuta mal-okkupazzjoni tat-territorju ta' Stat Membru, jew iċ-ċirkostanzi ta' żmien il-gwerra jew ta' wara l-gwerra li kellhom impatt fuq il-ġestjoni tal-foresti fit-territorju tiegħu. Abbażi ta' din l-evalwazzjoni, ir-rapport għandu jinkludi wkoll rakkomandazzjonijiet għall-miżuri meħtieġa mill-Unjoni u l-Istati Membri biex jippermettu l-kisba kollettiva ta' mira bħal din għall-2035.

Wara r-rapport, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti leġiżlattivi meta tqis li dan ikun xieraq.";

(19) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(19a) Fl-Anness II, l-entrati għal Spanja, is-Slovenja u l-Finlandja huma sostitwiti b'dan li ġej:

Stat Membru	Żona (ħa)	Kopertura tal-qċaċet (%)	Għoli tas-siġar (m)
Spanja	1,0	20 Mis-sottomissjoni tal-inventarju tal-gassijiet serra fl-2028 'il quddiem: 10	3
Is-Slovenja	0,25	10	5
Il-Finlandja	0,25	10	5

(20) it-test stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament jiddaħħal bħala l-Anness IIa.

## *Artikolu 2*

Ir-Regolament (UE) 2018/1999 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, jiżdiedu l-punti (63) u (64) li ġejjin:

"(63) "sistema ta' informazzjoni ġeografika" tfisser sistema tal-kompjuter li tkun kapaċi tiġbor, taħżen, tanalizza u turi informazzjoni referenzjata b'mod ġeografiku;

(64) "applikazzjoni ġeospazjali" tfisser formola ta' applikazzjoni elettronika li tinkludi applikazzjoni tal-IT ibbażata fuq sistema ta' informazzjoni ġeografika li tippermetti lill-benefiċjarji jiddikjaraw, mil-lat spazjali, il-bċejeċ tar-raba' tal-azjenda u ż-żoni mhux agrikoli li għalihom qed jitolbu pagament.";

(2) fil-punt (a)(1) tal-Artikolu 4, il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"l-impenji u l-miri nazzjonali tal-Istat Membru għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2018/841";

(3) l-Artikolu 38 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"Fl-2025, il-Kummissjoni għandha twestaq rieżami komprensiv tad-data tal-inventarju nazzjonali mressqa mill-Istati Membri skont l-Artikolu 26(4) ta' dan ir-Regolament, sabiex jiġu ddeterminati l-miri annwali ta' tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra tal-Istati Membri skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2018/841 u sabiex jiġu ddeterminati l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2018/842";

(b) fil-paragrafu 2, is-sentenza introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Ir-rieżami komprensiv imsemmi fil-paragrafi 1 u 1a għandu jinkludi:"

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Malli jitlesta r-rieżami komprensiv imwettaq skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddetermina s-somma totali tal-emissjonijiet għas-snin rilevanti li jirriżultaw mid-data tal-inventarju kkorreġuta għal kull Stat Membru maqsuma bejn id-data tal-emissjonijiet rilevanti għall-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/842 u d-data tal-emissjonijiet imsemmija fil-punt (c) tal-Parti 1 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament, u tiddetermina s-somma totali tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti rilevanti għall-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/841.";

(4) l-Anness V huwa emendat f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament.

### *Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Għall-Kunsill*

Il-President Il-President

**ANNEX I**

Fl-Annex I tar-Regolament (UE) 2018/841, it-taqsimha B hija sostitwita b'dan li ġej:

"B. Raggruppamenti tal-karbonju kif imsemmi fl-Artikolu 5(4):

- (a) il-bijomassa ħajja;
- (b) il-mifrex<sup>1</sup>;
- (c) l-injam mejjet<sup>1</sup>;
- (d) il-materja organika mejta<sup>2</sup>;
- (e) il-ħamrija minerali;
- (f) il-ħamrija organika;
- (g) il-prodotti tal-injam maħsud fil-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art tal-art afforestata u l-art forestali ġestita."

---

<sup>1</sup> Japplika biss għal Art Afforestata u Art Forestali Ġestita.

<sup>2</sup> Japplika biss għal Art Deforestata, Raba' Ġestit, Bur Ġestit u Artijiet Mistagħdra Ġestiti.

## ANNEX II

Jiddaħħal l-Anness Iia tar-Regolament (UE) 2018/841 li ġej:

"Anness Iia

Il-mira tal-Unjoni (kolonna D), il-medja tad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra għas-snin 2016, 2017 u 2018 (kolonna B) u l-miri nazzjonali tal-Istati Membri (kolonna C) skont l-Artikolu 4(2) li jridu jintlaħqu fl-2030

A	B	C	D
Stat Membru	Il-medja tad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra għas-snin 2016, 2017 u 2018 (kt ta' ekwivalenti għas-CO <sub>2</sub> ), sottomissjoni tal-2020	Miri tal-Istati Membri, 2030 (kt ta' ekwivalenti għas-CO <sub>2</sub> )	Valur tal-assorbimenti netti ta' gassijiet serra fi (kt ta' ekwivalenti għas-CO <sub>2</sub> ) fl-2030, sottomissjoni tal-2020 (Kolonna B+C)
Il-Belġju	-1 032	-320	-1 352
Il-Bulgarija	-8 554	-1 163	-9 718
Iċ-Ċekja	-401	-827	-1 228
Id-Danimarka	5 779	-441	5 338
Il-Ġermanja	-27 089	-3 751	-30 840
L-Estonja	-2 112	-434	-2 545
L-Irlanda	4 354	-626	3 728
Il-Greċja	-3 219	-1 154	-4 373
Spanja	-38 326	-5 309	-43 635
Franza	-27 353	-6 693	-34 046
Il-Kroazja	-4 933	-593	-5 527
L-Italja	-32 599	-3 158	-35 758
Ċipru	-289	-63	-352
Il-Latvja	-6	-639	-644
Il-Litwanja	-3 972	-661	-4 633
Il-Lussemburgu	-376	-27	-403
L-Ungerija	-4 791	-934	-5 724
Malta	4	-2	2
In-Netherlands	4 958	-435	4 523
L-Awstrija	-4 771	-879	-5 650
Il-Polonja	-34 820	-3 278	-38 098
Il-Portugall	-390	-968	-1 358
Ir-Rumanija	-23 285	-2 380	-25 665
Is-Slovenja	67	-212	-146
Is-Slovakkja	-6 317	-504	-6 821
Il-Finlandja	-14 865	-2 889	-17 754
L-Iżvezja	-43 366	-3 955	-47 321
UE-27/Unjoni	-267 704	-42 296	-310 000

## ANNEX III

Il-Parti 3 tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 2018/1999 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għall-monitoraġġ u r-rapportar fis-settur tal-LULUCF, l-Istati Membri għandhom jużaw [...] data dwar il-konverżjoni tal-użu tal-art ġeografikament espliċita skont il-Linji Gwida tal-2006 tal-IPCC għall-inventarji nazzjonali tal-GHG. L-Istati Membri huma mħeġġa jesploraw sinerġiji u opportunitajiet biex jikkonsolidaw ir-rapportar ma' oqsma ta' politika rilevanti oħra. L-Istati Membri huma mħeġġa joperaw l-inventarji tal-gassijiet serra tagħhom abbażi ta' bażijiet tad-data elettroniċi u sistemi ta' informazzjoni ġeografika, pereżempju:

- (a) sistema għall-monitoraġġ tal-unitajiet tal-użu tal-art għal art b'ħażna għolja ta' karbonju, kif definit fl-Artikolu 29(4) tad-Direttiva 2018/2001;
- (b) sistema għall-monitoraġġ ta' unitajiet tal-użu tal-art soġġetti għall-protezzjoni, definiti bħala art koperta minn waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:
  - Art b'valur għoli ta' bijodiversità kif definita fl-Artikolu 29(3) tad-Direttiva 2018/2001;
  - Siti ta' Importanza Komunitarja u Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni kif definiti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE<sup>24</sup> u unitajiet ta' art barra minn dawn li huma soġġetti għal miżuri ta' protezzjoni u konservazzjoni skont l-Artikolu 6(1) u (2) ta' dik id-Direttiva sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' konservazzjoni tas-sit;
  - Siti tat-tgħammir jew postijiet tal-mistrieħ tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness IV tad-Direttiva 92/43/KEE li huma soġġetti għal miżuri ta' protezzjoni skont l-Artikolu 12 ta' dik id-Direttiva;

---

<sup>24</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

- Il-ħabitats naturali elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 92/43/KEE u l-ħabitats tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 92/43/KEE li jinsabu barra mis-siti ta' importanza Komunitarja jew miż-żoni speċjali ta' konservazzjoni u li jikkontribwixxu għal dawn il-ħabitats u l-ispeċijiet li jilħqu status ta' konservazzjoni favorevoli skont l-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva jew li jistgħu jkunu soġġetti għal miżuri preventivi u ta' rimedju skont id-Direttiva 2004/35/KE<sup>25</sup>;
- Żoni ta' protezzjoni speċjali kklassifikati skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/147/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>26</sup> u l-unitajiet tal-art barra minn dawn li huma soġġetti għal miżuri ta' protezzjoni u konservazzjoni skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/147/KEE u l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 92/43/KEE biex jintlaħqu l-oġettivi ta' konservazzjoni tas-sit;
- Unitajiet tal-art li huma soġġetti għal miżuri għall-preservazzjoni tal-għasafar irrappurtati li mhumiex fi stat sigur skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/147/KEE sabiex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 4(4) ta' dik id-Direttiva li ssir ħidma biex jiġi evitat it-tniġġis jew id-deterjorazzjoni tal-ħabitats jew jiġi ssodisfat ir-rekwiżit skont l-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva li jiġu ppreżervati u mantnuti biżżejjed diversità u żoni ta' ħabitats għall-ispeċijiet tal-għasafar;
- Kwalunkwe ħabitat ieħor li l-Istat Membru jaħtar għal finijiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttivi 92/42/KEE u 2009/147/KE;

<sup>25</sup> Id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56).

<sup>26</sup> Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

- Unitajiet tal-art soġġetti għal miżuri meħtieġa biex jipproteġu u jiżguraw li ma jiddeterjorax l-istatus ekoloġiku ta' dawk il-korpi tal-ilma tal-wiċċ imsemmija fl-Artikolu 4(iii) tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>27</sup>;
  - Pjanuri tal-għargħar naturali jew żoni għaż-żamma tal-ilma tal-għargħar protetti mill-Istati Membri b'rabta mal-ġestjoni tar-riskju tal-għargħar skont id-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>28</sup>;
- (c) sistema għall-monitoraġġ tal-unitajiet tal-użu tal-art soġġetti għar-restawr, iddefiniti bħala art koperta minn waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:
- Siti ta' importanza komunitarja, żoni ta' konservazzjoni speċjali u żoni ta' protezzjoni speċjali kif deskritt fil-punt (b) hawn fuq, flimkien mal-unitajiet tal-art barra minn dawn li ġew identifikati bħala fil-bżonn ta' restawr jew ta' miżuri ta' kumpens immirati biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' konservazzjoni tas-sit;
  - Il-ħabitats tal-ispeċijiet ta' għasafar selvaġġi msemmija fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2009/147/KE jew elenkati fl-Anness I tagħha, li jinsabu barra miż-żoni ta' protezzjoni speċjali u li ġew identifikati bħala fil-bżonn ta' miżuri ta' restawr għall-finijiet tad-Direttiva 2009/147/KE;

<sup>27</sup> Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

<sup>28</sup> Id-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar (ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27).

- Il-ħabitats naturali elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 92/43/KEE u l-ħabitats tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 92/43/KEE barra mis-siti ta' importanza Komunitarja jew miż-żoni speċjali ta' konservazzjoni u li ġew identifikati bħala fil-bżonn ta' miżuri ta' restawr għall-finijiet tal-kisba ta' status ta' konservazzjoni favorevoli skont id-Direttiva 92/43/KEE u/jew li ġew identifikati bħala fil-bżonn ta' miżuri ta' rimedju għall-finijiet tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/35/KE;
  - Żoni identifikati bħala fil-bżonn ta' restawr skont pjan ta' restawr tan-natura applikabbli fi Stat Membru;
  - Unitajiet tal-art soġġetti għall-miżuri meħtieġa biex jiġu restawrati għal status ekoloġiku tajjeb tal-korpi tal-ilma tal-wieċ imsemmija fl-Artikolu 4(iii) tad-Direttiva 2000/60/KE, jew għall-miżuri meħtieġa biex dawn il-korpi jiġu restawrati għal status ekoloġiku tajjeb fejn meħtieġ bil-liġi;
  - Unitajiet tal-art soġġetti għal miżuri għar-rikreazzjoni u r-restawr taż-żoni mistagħdra, kif imsemmi fl-Anness VI.B(vii) tad-Direttiva 2000/60/KE;
  - Żoni li jeħtieġu restawr tal-ekosistema biex tinkiseb kundizzjoni tajba tal-ekosistema skont ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>29</sup>;
- (d) sistema għall-monitoraġġ tal-unitajiet tal-użu tal-art b'riskju għoli għall-klima:
- Żoni soġġetti għal kumpens għal disturbji naturali skont il-paragrafu 5 tal-Artikolu 13b tar-Regolament (UE) 2018/841

<sup>29</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

- Żoni msemmija fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2007/60/KE
- Żoni identifikati fl-istrateġija nazzjonali ta' adattament tal-Istati Membri b'riskji naturali u riskji kkawżati mill-bniedem għoljin, soġġetti għal azzjonijiet ta' tnaqqis tar-riskju ta' diżastri.

L-inventarju tal-gassijiet serra għandu, fejn japplika, jippermetti l-iskambju u l-integrazzjoni tad-data bejn il-bażijiet tad-data elettroniċi u s-sistemi ta' informazzjoni ġeografika.

Għall-perjodu mill-2021 sal-2025, l-Istati Membri jistgħu jużaw metodoloġiji tal-Grad 1 skont il-linji gwida tal-2006 tal-IPCC għall-inventarji nazzjonali tal-GHG ħliet għal raggruppament tal-karbonju li jiffirma mill-inqas 25 % tal-emissjonijiet jew l-assorbimenti f'kategorija ta' sors jew bir li tkun prijoritizzata fi ħdan sistema ta' inventarju nazzjonali ta' Stat Membru peress li l-istima tiegħu jkollha influwenza sinifikanti fuq l-inventarju totali ta' GHGs ta' pajjiż f'termini tal-livell assolut ta' emissjonijiet u assorbimenti, ix-xejra fl-emissjonijiet u l-assorbimenti, jew l-inċertezza fl-emissjonijiet u l-assorbimenti fil-kategoriji tal-użu tal-art, f'liema każ għandhom jintużaw mill-inqas il-metodoloġiji tal-Grad 2 skont il-linji gwida għall-inventarji nazzjonali tal-GHG tal-IPCC tal-2006.

Mis-sottomissjoni tal-inventarju tal-gassijiet serra fl-2028 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jużaw mill-inqas il-metodoloġiji tal-Grad 2 skont il-linji gwida tal-2006 tal-IPCC għall-inventarji nazzjonali tal-GHG u huma mħeġġa japplikaw il-metodoloġiji tal-Grad 3, skont il-linji gwida tal-2006 tal-IPCC għall-inventarji nazzjonali tal-GHG."